MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2013

Numru. 650/2013

Il-**Pulizija**

**(Spt Sandro Millo)**

**vs**

**Gorga Sammut**

**Id No 518846(M)**

**Illum 14 ta' Lulju 2013**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Gorga Sammut** ta' 67 sena, bint Emanuel Abela u Maria Dolores *nee'* Mifsud, mwielda Hal-Qormi fit-13 ta' Gunju, 1946, residenti gewwa l-fond Numru 86, Triq Tas-Sliema, Gzira u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 518846(M) u nakkuzaha talli;

1. Nhar it-13 ta' Lulju 2013 ghall-habta ta' nofs innhar gewwa l-Gzira, permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Sammut hekk kif gie iccertifikat mit-tobba tal-isptar Mater Dei;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li hija kienet qed taghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew hsara lil proprjeta, kellha fuq il-persuna taghha xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Il-Qorti semghet l-ammissjoni ta' l-imputata;

Rat illi, wara illi l-imputata inghatat zmien bizzejjed sabiex tikkonsidra l-ammissjoni taghha, l-imputata regghet ikkonfermat l-ammissjoni taghha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Rat l-Artikoli 216(1)(c) tal-Kap 9 u l-Artikolu 55(a ) tal-Kap 480;

Semghet lill-Ispettur Sandro Millo li nforma l-Qorti li ghalkemm il-vittma Emanuel Sammut li jigi r-ragel ta' l-imputata kellu offizi gravi huwa jinsab infurmat illi tali offizi ma kienux ser iwasslu ghall-perikolu tal-hajja u meta huwa kkomunika ma' l-istess vittma Emanuel Sammut dan infurmah li iddispjacih li l-mara tieghu qed titressaq il-Qorti.

Il-Qorti, ghalhekk wara li rat dawn il-fatti kollha u fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannha ghall-terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) xhur mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputata tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena (1) skond l-artikolu 28(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti invista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz u biex tigi salvagwardjata il-familja tas-sinjuri Sammut, qed tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------